QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

(SEDE SUPERJURI)

S.T.O. Prim Imħallef Dr Mark Chetcuti LL.D.

Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.

Onor. Imħallef Dr Giovanni Grixti LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgħa 12 ta' Ottubru 2022

Att ta' l-Akkuża numru: 15/2020

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

Deniro Bugeja

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Diċembru 2020 kontra Deniro Bugeja li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

Fl-**Ewwel Kap**, illi, nhar il-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-Pulizija Eżekuttiva rċeviet rapport mingħand *Social Worker* li

tahdem fi hdan l-Appoġġ, liema rapport kien jirrigwarda allegat abbuż sesswali fuq A, minuri ta' ħmistax (15)-il sena;

Illi, in vista ta' dan ir-rapport, il-vittma ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn hija stqarret li f'Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija kienet bdiet relazzjoni mal-akkużat Deniro Bugeja, liema relazzjoni kienet pero' sfaxxat fix-xejn ftit tax-xhur wara. Ftit wara li din l-istess relazzjoni ntemmet, A kienet skopriet li l-akkużat Deniro Bugeja kien qed jitkellem ma tfajla oħra, u għaldaqstant l-istess A ikkomunikat ma din l-istess tfajla;

Illi, Deniro Bugeja xejn ma ħa pjaċir b'dan l-atteġjament ta' A. Nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30), Deniro Bugeja ċempel lil A permezz ta' numru anonimu (*private number*) fejn qalilha sabiex tinżel barra r-residenza tan-nanna tagħha gewwa l-Fgura. Hija ghamlet hekk u filfatt l-akkużat wasal fuq il-post ftit wara bil-vettura tiegħu. A rikbet f'din l-istess vettura misjuqa mill-akkużat Deniro Bugeja, fejn hemmhekk inqalat kommossjoni bejniethom fejn saħansitra l-akkużat Deniro Bugeja ħa t-telefon cellulari ta' A sabiex iħassrilha kwalunkwe messaġġ u ritratt li kellhom x'jaqsmu miegħu minn fuq dan l-istess telefon ċellulari;

Illi, wara dan kollu, Deniro Bugeja, li safrattant kien għadu fil-pussess tat-telefon cellulari tal-vittma, saq lejn ir-residenza fejn huwa kien joqgħod ma ommu ġewwa Ħaz-Żabbar u hemmhekk qal lil A sabiex titla' fuq miegħu fil-kamra tas-sodda tiegħu. A obdiet u hekk kif waslu ġewwa l-kamra tas-sodda tiegħu, l-akkużat Deniro Bugeja għalaq il-purtieri u għalaq l-bieb, u qal lill-vittma sabiex tinża' l-ħwejjeċ li kienet liebsa. Hija m'aċċettatx li tagħmel hekk, u kien propju minn hemmhekk li l-affarijiet ħadu svolta xejn pjaċevoli. L-akkużat Deniro Bugeja, meta ra r-reżistenza tal-vittma biex tinża', neħħilha l-ħwejjeġ li kienet liebsa hu stess, u għaddha sabiex jippenetraha b'mod anali, u cioe' kellu kongungiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-*anus* tagħha permezz tal-parti genitali tiegħu. A weġġħat b'tali penetrazzjoni u Deniro Bugeja, meta ra hekk, kien waqaf u għadda sabiex jippenetraha b'mod vaġinali, u cioe' kellu konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu;

Illi, ukoll filwaqt li l-vittma kienet qed tiġi ppenetraha mill-akkużat Deniro Bugeja kontra l-volonta' tagħha, hekk kif deskritt aktar 'il fuq, huwa ukoll refa' jdejh fuqha u qal kliem dispreġġjattiv fil-konfront tagħha. Fl-aħħarnett, saħansitra huwa ġibdilha rasha bis-saħħa u eġakulha f'ħalqha, dejjem kontra l-volonta' tagħha;

Illi, tajjeb jingħad li dakinhar ta' dan l-inċident, u cioe' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), A kellha biss ħmistax (15)-il sena;

Illi, wara dan l-aġir tal-akkużat Deniro Bugeja fil-konfront tagħha, il-vittma A, kienet fetħet qalbha l-għada – u ċioe' nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u mal-*Guidance Teacher* tal-iskola tagħha, li kienet imbagħad irreferiet il-każ lill-Appoġġ li sussegwentement irrapurtaw kollox lill-Pulizija Ezekuttiva;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess fuq minuri.

Illi *di piu*, permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Gabriel Micallef) vs Deniro Bugeja* (per Mag. Dr. Doreen Clarke LL.D.), l-akkuzat Deniro Bugeja kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, sar ħati talli, nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ġewwa l-Gżejjer Maltin, mingħajr kunsens, ikkometta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali u anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra (A), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed a
aggravat stante li ġie kommess fuq minuri.

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Deniro Bugeja rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, ħati talli, nhar l-erbatax (14) ta' Mejju ta-sena elfejn u tmintax (2018), ġewwa l-Gżejjer Maltin, mingħajr kunsens, ikkometta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali u anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra (A), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess fuq minuri.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap ta' l-Att t'Akkuża, akkuża ukoll lil Deniro Bugeja li rrenda ruħu reċediv.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa erbgħin (40) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(g), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fit-**Tieni Kap**, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ġewwa l-Gżejjer Maltin, l-akkużat Deniro Bugeja arresta, żamm jew issekwestra lil A kontra l-volonta' tagħha;

Illi, kif ġia espost fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, l-akkużat ħa lill-vittma fil-kamra tas-sodda tiegħu ġewwa r-residenza ta' ommu ġewwa Ħaż-Żabbar. Hemmhekk għalaq il-purtieri u l-bieb u dana sabiex ikollu konġunġiment karnali mal-vittma kontra l-volonta' tagħha. Matul dan l-aġir kollu fil-konfront tagħha, hija ma setgħetx taħrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet miżmuma bil-forża kontra r-rieda tagħha, u dana sabiex tiġi mġiegħlha tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

Illi, l-akkużat Deniro Bugeja ma kellu l-ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas ma kellu s-setgħa bil-liġi li jarresta, jżomm, jew jissekwestra lil A kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan ir-reat huwa aggravat stante li sar bħala mezz sabiex A tiġi mġiegħlha tagħmel xi haġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Gabriel Micallef) vs Deniro Bugeja* (per Mag. Dr. Doreen Clarke LL.D.), l-akkużat Deniro Bugeja kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilu l-akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, sar ħati talli nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ġewwa l-Gżejjer Maltin, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (A) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (A) tiġi mġiegħlha tagħmel xi haġa jew toqgħod għal xi haġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Illi, *di piu'*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Deniro Bugeja rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmi Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, ħati talli nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ġewwa l-Gżejjer Maltin, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra persuna (A), kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (A) tiġi mġiegħla

tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha. L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuża, akkuża ukoll lill-Deniro Bugeja li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax (13) -il xahar sa erba' (4) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fit-**Tielet Kap**, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ġewwa l-Gżejjer Maltin, meta A kien għad għandha ħmistax (15) -il sena, l-akkużat Deniro Bugeja kien stupraha, u kellu, mingħajr il-kunsens tagħha, konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali u anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisimha, hekk kif hemm stipulat fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża;

Illi, apparti dan kollu, l-istess vittma A kienet stqarret ukoll li meta kienet għadha f'relazjoni mal-akkużat, u ċioe' minn Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u x-xhur ta' wara, meta hija kienet għadha kemm għalqet ħmistax (15)-il sena hija kellha attivitajiet sesswali konsenswali ma' l-akkużat Deniro Bugeja. Dan huwa fatt li jammetti għalih anke l-akkużat stess fl-istqarrija rilaxxata volontarjament minnu nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018);

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li sar fuq persuna ta' tahħt is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfruzar, forza jew theddid.

Illi *di piu*, permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Gabriel Micallef) vs Deniro Bugeja* (per Mag. Dr. Doreen Clarke LL.D.), l-akkużat Deniro Bugeja kien nstab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, sar ħati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gżejjer Maltin, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taħt l-eta' (A), b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li sar fuq persuna ta' taħt is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid.

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Deniro Bugeja rrenda ruhu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, ħati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gżejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taħt l-eta' (A), b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li sar fuq persuna ta' taħt is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuża, akkuża ukoll lill-Deniro Bugeja li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Bugeja, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa tletin (30) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 204C(1), 204C(2)(a), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fir-**Raba' Kap,** illi nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), l-akkużat Deniro Bugeja kien ġie kkundannat għal tlett (3) xhur priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin permezz ta' sentenza fl-ismijiet "*il-Pulizija (Sp. Maria Stella Attard) vs. Deniro Bugeja*", liema sentenza hija llum-il ġurnata wahda definittiva.

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, l-akkużat Deniro Bugeja, ikkommetta reat/i ulterjuri waqt li kellu imposta fuqu s-sentenza sospiża aktar 'il fuq imsemmija.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Bugeja, sar ħati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju 2018 u fis-snin ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, ikkommetta reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija, li saru matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'il fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmi akkużat Deniro Bugeja ħati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, ikkometta reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija, li saru matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża.

> Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Bugeja, illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' tlett (3) xhur jew inkella jiġi tratatt miegħu a rigward is-sentenza sospiża in kwistjoni u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.
>
> .

**2.** Rat s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Marzu 2022 fejn sabet lill-akkużat ħati tar-reat kontemplat taħt it-Tielet Kap t'Akkuza u ċioe' l-Artikolu 204C u tal-akkuża tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal piena ta' priġunerija ta' sitt snin. Iddikjarat ulterjorment li mhux qed issibu ħati tar-reati l-oħra hekk kif kontemplati fir-rimanenti Kapi tal-Akkuża. Oltre dan ordnat li s-sentenza sospiża ta' tlett xhur priġunerija mogħtija permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-19 t' April 2016 tiġi reża operattiva. Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rat illi dawn l-esperti kienu bżonnjużi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova r-reat ta' stupru hekk kif kontemplat taħt l-Ewwel Kap. tal-Akkuża li l-Qorti ma sabitux ħati tagħha u konsegwentament ma kkundannatux iħallas tali spejjeż. Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-akkużat sabiex iħallas lill-vittma xi danni ai terminu tal-Artikolu 532A, il-Qorti qieset il-komportament tal-vittma u ċioe' il-persistenza tagħha li tkun fil-kumpanija tal-akkużat anke waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri u fid-dawl tal-istess ma ħassitx li għandha *arbitrio boni viri* tillikwida xi danni fil-konfront tagħha. Il-Qorti ordnat illi ż-żmien li l-akkużat għamel taħt arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta' priġunerija. Il-Qorti ordnat d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem u l-konnotati tal-vittma f'kull mezz tax-xandir. Il-Qorti ordnat wkoll il-ħruġ ta' *protection order* għall-perjodu ta' tlett snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, taħt penali ta' elfejn euro fin-nuqqas li tigi segwita. Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

sabiex l-akkużat jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

3. Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-akkużat Deniro Bugeja fl-1 ta' April 2022 li bih u għar-raġunijiet hemmhekk indikati talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati tal-Ewwel u it-Tieni Kap t' Akkuża, u wkoll f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-Tielet u r-Raba' Kap t' Akkuża, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu għal piena inflitta u dan billi tisostitwixxi l-piena b'waħda ferm aktar miti, u raġjonevoli u li tkun verament tirrifletti u tagħmel tajjeb iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

4. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2022 fejn saħaq illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha.

5. Rat n-nota ta' referenzi ippreżentata mill-appellant Deniro Bugeja fl-24 ta' Ġunju 2022.

6. Rat l-atti kollha tal-kawża.

7. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

8. Illi l-appell intentat mill-akkużat Deniro Bugeja jikkonċerna unikament il-piena inflitta fuqu mill-Qorti Kriminali u dan meta sabitu ħati tat-Tielet u r-Raba' Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuża. Jaqsam l-ilment tiegħu fil-konfront tal-*quantum* tal-piena f'tlett argumenti ewlenin, bl-ewwel wieħed jkun dak li l-Qorti Kriminali naqqset milli takkordalu l-jedd mogħti fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem lil persuna akkużata b'reat, fid-dawl tal-emendi li daħħlu fis-seħħ fir-rigward tal-pieni għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali. Illi il-leġislatur dehrlu li l-pieni għal kummissjoni ta' dan ir-

reat, fost oħrajn, li jikkonċernaw id-delitti li jaffettwaw id-dinjita' tal-persuni, kellhom jiħraxu. L-Artikolu 204C fil-fatt ġie sostitwit permezz tal-Att XIII tal-2018 ippubblikat fit-30 ta' April 2018, liema emendi ġew fis-seħħ fl-14 ta' Mejju 2018 permezz tal-Avviz Legali 154 tal-2018, u għalhekk proprju fil-jum indikat fl-akkuża. L-appellant jikkontendi għalhekk illi l-Qorti Kriminali kellha tapplika favur tiegħu il-piena l-inqas ħarxa, applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi il-ġdida, u dan fid-dawl tal-fatt illi sabitu ħati unikament tal-event kriminuż li seħħ fit-08 ta' Settembru 2017 u għalhekk fiż-żmien qabel ma kien hemm is-sostituzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi. Dan ukoll b'ottemperanza ma' dak li jipprovdi l-artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Qorti Kriminali kienet tal-fehma illi r-reita' għal vjolazzjoni tal-liġi ikkontemplata fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali avverat ruħha fil-bidu tal-inkontru bejn l-appellant u l-vittma. Mill-provi li nstemgħu waqt il-ġuri jirriżulta illi l-inkontri sesswali bejn l-appellant u il-vittma A raw il-bidu tagħhom f'jum ir-Regatta tas-sena 2017 u ċioe' fit-08 ta' Settembru ta' dik is-sena. A, dak iż-żmien kienet minuri ta' erbatax-il sena, iżda *ex admissis* l-appellant igħid illi huwa fehem illi din fil-fatt kellha ħmistax-il sena u jidher illi l-Qorti Kriminali tatu affidament f'din l-asserzjoni tiegħu, bl-Avukat Ġenerali ma iressaq ebda appell mill-apprezzament tal-provi magħmul minn dik il-Qorti. Jidher illi għalkemm f'xi żmien bejn Settembru 2017 u Marzu 2018, u ċioe' iż-żmien indikat fl-Att ta'l-Akkuża meta allegatament seħħew ir-reati addebitati lill-appellant, Bugeja xtaq iwaqqaf din ir-relazzjoni li kellu ma' A, din tal-aħħar madanakollu żviluppat ossessjoni fuqu tant illi ma setatx taċċetta l-fatt illi dan ma riedx jaf biha aktar u anke li beda jiffrekwenta tfajliet oħra. Illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha f'iktar minn okkazzjoni waħda tagħmel referenza għal din l-ossessjoni li kellha il-vittma u tagħmel enfasi ukoll fuq il-fatt illi l-inkontri sesswali li seħħew bejn il-vittma u l-appellant kienu konsenswali tant illi l-appellant kien illiberat mill-Ewwel Kap ta'l-Att tal-Akkuża li jikkonċerna ir-reat tal-istupru. Illi l-Qorti Kriminali ukoll tat affidament lill-appellant meta dan stqarr illi fl-aħħar inkontru sesswali li seħħ bejnu u bejn il-vittma fl-14 ta' Mejju 2018, huwa fehem illi din kienet għalqet is-sittax-il sena.

Għal darb'oħra jiġi ribadit illi ma hemm ebda appell minn dan l-apprezzament hekk magħmul mill-Qorti Kriminali.

10. Tgħid hekk il-Qorti Kriminali fil-konsiderazzjonijiet minnha magħmula dwar it-Tielet Kap tal-Att ta'l-Akkuża:

> **F'dan il-kaz jirrizulta b'mod car u univoku anke kif ammess mill-akkuzat stess fl-istqarrija tieghu hu beda jippartecipa f'atti sesswali ma Omissis fi zmien ir-Regatta ta' 2017. Dan ifisser illi l-partecipazzjoni tieghu f'atti sesswali ma Omissis bdew f' Settembru 2017 liema atti huma deskritti minn Omissis u mhux michuda mill-akkuzat li kien hemm kongungiment karnali. Dan l-att zgur jekwevalixxi ghal attivitajiet sesswali. ....**
>
> **Deniro Bugeja stess jghid li huwa meta hu mar ma Omissis nhar l-14 ta' Mejju 2018 hu qal li ghalih kellha sittax-il sena. Minkejja dan fl-istess stqarrija, fl-istadju promotur taghha huwa kien ltaqa' ma Omissis l-ewwel darba f'Settembru 2017 u ex admissis jghid 'din ghalija kienet ser taghlaq is-sittax il-sena meta ltqajt maghha'. Ghalkemm, aktar tard jghid ukoll li lilu qaltlu li ghandha sittax-il sena. L-Avukat Generali jaghmel referenza fir-replika tieghu ghall-incident tal-ikla fejn Omissis kienet ser ticcelebra gheluq zmiena u cioe' meta kienet ser taghlaq hmistax-il sena fejn missier Omissis ma riedx lill-akkuzat jattendi. Pero' din il-Qorti ma thossx li ghandha tabracca dan l-argument peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova korroborattiva u cioe' lil missier Omissis sabiex jikkonferma dan l-avveniment. Madankollu, din il-Qorti ghandha l-konfort ta' dak li jghid l-akkuzat stess illi meta ltaqa' ma' Omissis, u dan mhux kontestat li kien f' Settembru 2017, meta jghid ukoll li kellu x'jaqsam maghha, huwa jammetti li kienet ghadha ser taghlaq sittax-il sena. Infatti, fl-istqarrija tieghu anke sahansitra jiddeskrivi kif beda dan l-inkontru maghha f'jum ir-regatta u cioe' 8 ta' Settembru 2017 u ex admissis jghid 'li morna naraw film u sar tbghabis u hekk min-naha taghha u jien m'ghedtilhiex le, nammetti' ....**
>
> **Din il-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest mill-ligi li l-akkuzat kien jaf meta hu ppartecipa f'atti sesswali ma Omissis fil-bidu tal-inkontru tieghu maghha illi hi ma kienitx ghadha ghalqet is-sittax-il sena. In vista ta' dak li stqarr l-akkuzat stess u cioe' li kien jaf li Omissis kienet ghadha m'ghalqitx is-sittax-il sena. Meta fir-realta' skont l-att tat-twelid esebit fl-atti fil-bidu ta' Settembru 2017, hija kien ghad ghandha erbatax-il sena.**

11. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali, l-appellant jikkontendi illi tirriżulta ir-reita' unikament għal dak l-egħmil doluż li seħħ qabel l-14 ta' Mejju 2018 billi l-atti inkriminatorji kienu kommessi fiż-żmien meta l-appellant żgur li kien konxju tal-fatt illi l-vittma ma kenitx għadha

għalqet l-eta ta' sittax-il sena. Fil-fehma tiegħu, iżda dak l-att inkriminatorju li seħħ fl-14 ta' Mejju 2018 ma jwassalx għal ħtija għat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża billi f'dan il-każ l-element formali huwa nieqes ġaldarba l-appellant kien tal-fehma illi l l-vittma issa kienet għalqet sittax-il sena. Dan ifisser allura illi meta il-Qorti Kriminali ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, hija kellha tapplika dik is-sanzjoni maħsuba fil-liġi għal egħmil kriminuż li seħħ qabel id-data tal-14 ta' Mejju 2018 u dan għaliex bl-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018, ir-reat tal-parteċipazzjoni f'atti sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' ġie emendat sabiex il-vjolazzjoni tal-liġi kellha tirriżulta unikament meta dik il-parteċipazzjoni tkun avverat ruħha ma' persuna tal-eta' ta' taħt is-sittax-il sena.

**Ikkunsidrat:**

**12.** Illi permezz tal-Att XIII tal-2018 seħħ tibdil leġislattiv għar-reat maħsub fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali f'żewġ aspetti. Fl-ewwel lok wieħed mill-elementi tar-reat inbidel sabiex kellu jirriżulta ir-reita', b'dawn l-emendi il-ġodda, unikament meta l-awtur tar-reat jipparteċipa f'attivita' sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax-il sena u mhux aktar ma' persuna taħt l-eta' maġġorenni ta' tmintax. Fit-tieni lok il-pieni għal kummissjoni tar-reat ħraxu sabiex fejn qabel l-introduzzjoni tal-Att ir-reat kien iġorr piena sa massimu ta' ħames snin priġunerija, wara l-emendi l-piena żdiedet għal dik tal-priġunerija ta' bejn ħames snin u għaxar snin. Illi l-Qorti Kriminali applikat id-disposizzjoni tal-liġi kif ġiet emendat biex b'hekk ikkalibrat il-piena skont il-parametri il-ġodda u kkundannat lill-appellant għal perijodu ta' sitt snin priġunerija, li allura tqarreb aktar lejn il-minimu tagħha.

**13.** Issa minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Qorti Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħha tagħti affidament lil verżjoni tal-fatti mistqarra mill-appellant, illi fl-inkontru sesswali li seħħ nhar il-14 ta' Mejju 2018, l-appellant kien jemmen li l-vittma kellha sittax-il sena. Illi fit-Tielet Kap, fil-parti akkużatorja tiegħu, l-Avukat Ġenerali jixli lill-appellant bir-reat kontinwat talli "fl-14 ta' Mejju 2018 u fis-snin ta' qabel", huwa ipparteċipa f'attivita' sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' bir-reat "aggravat stante li sar fuq persuna ta' taħt is-sittax-

il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid", b'talba lil Qorti sabiex tapplika il-piena tal-priġunerija ta' bejn is-sitt snin sa tletin sena.

**14.** Illi mill-parti deċiżorja tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Qorti Kriminali sabet il-ħtija għat-Tielet Kap tal-Att t'Akkuża f'dawn il-parametri:

> **Rat illi din il-Qorti qed issib lill-akkuzat hati tat-Tielet Kap. tal-Akkuza, tar-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali li saru f' Settembru 2017 ...**
>
> **Jinghad ghalhekk illi l-piena disposta fl-Artikolu 204C tal-Kodici Kriminali hi dik ta' bejn hames snin u ghaxar snin. Illi l-aggravji msemmija fis-subinciz 2 tal-istess artikolu ma japplikawx ghal kaz odjern, pero, skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, stante li qed issibu recediv, din il-Qorti ghandha diskrezzjoni biex izzid il-piena bi grad jew tnejn. Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tar-reat kontemplat taht it-Tielet Kap. t'Akkuza u cioe' l-Artikolu 204C u tal-akkuza tar-recediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sitt snin. Tiddikjara ulterjorment li mhux qed issbu hati tar-reati l-ohra hekk kif kontemplati fir-rimanenti Kapi tal-Akkuza**

**15.** Illi għalhekk huwa evidenti illi għalkemm fid-*decide* ma hemmx indikat illi l-appellant qed jiġi meħlus mir-reat ikkontemplat fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali għal jum tal-14 ta' Mejju 2018, madanakollu kif jidher mill-estratt hawn fuq iċċitat tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-att inkriminatorju li dwaru l-appellant kien misjub ħati kien jikkonċerna dawk l-atti impudiċi li seħħew f' Settembru 2017 u allura fiż-żmien meta, skont is-sentenza appellata, l-appellant dehrlu li l-vittma kellha ħmistax-il sena u allura kienet persuna taħt l-eta'. Tagħtu il-benefiċċju tad-dubbju, madanakollu, għall-dawk l-atti li seħħew fl-14 ta' Mejju 2018, fil-jum allura meta l-emendi permezz tal-Att XIII tal-2018 daħħlu fis-seħħ, meta qieset illi taħt il-liġi il-ġdida huwa ma kellux ikun dikjarat ħati għal dawn l-atti billi l-element formali kien nieqes ġaldarba f dan il-jum l-appellant kien jemmen li l-vittma kienet laħħqet għalqet is-sittax-il sena, u għalhekk l-atti minnu komessi ma baqgħux jiġu kwalifikati bħala reat.

**16.** Stabbilit għalhekk illi r-reita' għat-tielet Kap tal-att t'Akkuża jikkonċerna dawk l-atti materjali li seħħew qabel l-14 ta' Mejju 2018, huwa indubitat illi f'Settembru tas-sena 2017 sal-14 ta' Mejju 2018, kienet tapplika il-piena li daħħlet

fis-seħħ permezz ta'l-Att IV tal-2014 u ċioe' dik li iġorr sa massimu ta' ħames snin priġunerija. L-appellant iqies illi l-Qorti Kriminali kellha teroga il-piena applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat ukoll għaliex din hija l-piena l-aktar favorevoli għalih biex b'hekk huwa jibbenefika mill-jedd mogħti fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[1] u ukoll l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali.

**17.** Illi l-artikolu 27 jistabbilixxi ir-regola illi:

> **"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xortawaħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."**

Issa għalkemm l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma jsemmiex il-prinċipju tar-retroattivita' tal-piena l-inqas ħarxa, il-QEDB stabbilit illi dan il-jedd imħaddan f'dan l-artikolu jiggarantixxi mhux biss il-prinċipju tan-non-retroattivita' tal-piena l-iktar severa, iżda jimplika wkoll il-prinċipju tar-retroattivita' tal-liġi kriminali l-inqas oneruża.

> ***"That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106). Furthermore, the Court has found that the principle of the retrospective application of the more lenient criminal law***

---

[1] *1. No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed.*
*2. This Article shall not prejudice the trial and punishment of any person for any act or omission which, at the time when it was committed, was criminal according to the general principles of law recognised by civilised nations*

*applies not only to the applicable penalty but also in the context of an amendment relating to the definition of the offence.*[2]"

**18**. Illi l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi fil-perijodu taż-żmien indikat fl-akkuża lilu addebitata, l-appellant spiċċa rinfaċċjat bi bdil fil-liġi tant illi mhux biss ħraxu il-pieni, iżda saħansitra inbiddlu l-elementi meħtieġa għar-reita', liema bdil ġie fis-seħħ proprju fl-14 ta' Mejju 2018 biex b'hekk fil-konfront tiegħu iż-żmien temporali li fih kien mixli kien regolat b'żewġ liġijiet differenti kemm kif ingħad regolanti l-piena, kif ukoll fil-parti sostantiva ta'l-istess.

*92. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is permissible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see S.W. v. the United Kingdom and C.R. v. the United Kingdom, 22 November 1995, § 34 and § 32 respectively, Series A nos. 335-B and 335-C, and Kafkaris, cited above, § 137).*

*93. Article 7 § 1 of the Convention goes beyond prohibition of the retrospective application of criminal law to the detriment of the accused. It also sets forth, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege). While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy (see, among other authorities, Coëme and Others v. Belgium, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, § 145, ECHR 2000-VII).*

*94. It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (see Kokkinakis v. Greece, 25 May 1993, § 52, Series A no. 260-A; Achour, cited above, § 41; and Sud Fondi Srl and Others v. Italy, no. 75909/01, § 107, 20 January 2009).*

*95. The Court must therefore verify that at the time when an accused person performed the act which led to his being prosecuted and convicted there was in force a legal provision which made that act punishable, and that the punishment imposed did not exceed the limits fixed by that provision (see Coëme and Others, cited above, § 145, and Achour, cited above, § 43). .....*

[2] https://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_7_ENG.pdf

***109. In the light of the foregoing considerations, the Court takes the view that it is necessary to depart from the case-law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant[3].***

**19**. Stabbiliti dawn il-prinċipji ta' dritt u ġurisprudenza u applikati għal każ issa taħt il-lenti tal-Qorti, huwa indubitat illi fiż-żmien tal-kummissjoni tal-atti inkriminatorji li wasslu lil Qorti Kriminali ssib ħtija fl-appellant għar-reat imfassal fit-Tielet Kap ta'l-Att t' Akkuża, u ċioe' ir-reat maħsub fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali, kienet tapplika piena anqas ħarxa minn dik fis-seħħ fiż-żmien tal-kawża. L-appellant allura kellu d-dritt li tiġi applikata favur tiegħu dik il-piena l-iktar favorevoli li kienet fis-seħħ f' Settembru 2017 u ċioe' il-piena tal-priġunerija sa massimu ta' ħames snin. Dan ifisser allura illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali ta' sitt snin priġunerija ċertament kienet tiżboq l-massimu maħsub fil-liġi fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, sabiex b'hekk ċertament hemm lok għall-aġġustament fil-piena, b'dan illi għandha tapplika favur l-appellant dik il-piena kif miżjuda permezz ta'l-Att IV tal-2014.

**20**. Illi l-Qorti qiegħda madanakollu tħaddan il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena li kienu:

> **"1. Il-fedina penali tal-appellant li ghandha erba' convictions registrati fejn instab hati ta' diversi reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku; l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghal Riskji ta' Terzi Persuni; l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija;**
>
> **2. Il-fatt illi l-aggressur kellu tlieta u ghoxrin sena meta kkommetta r-reat li tieghu jinsab hati waqt li l-vittma kellha biss hmistax-il sena; u**
>
> **3. Il-fatt illi l-vittma kellha ossessjoni orribbli fuq l-akkuzat tant li jista' jinghad illi minhabba l-agir ta' persekuzzjoni taghha setgha facilment jitlef**

[3] Scoppola vs Italy

> **il-liberta' provvizorja li kien qed igawdi f'dawn il-proceduri, kif ukoll jaffaccja proceduri godda ghall-ksur ta' protection order.**
>
> **4. Ir-reat li tieghu qed jinsab hati gie kommess bil-kunsens tal-vittma."**

**21.** Illi ukoll għalkemm l-appellant jikkontendi illi l-Qorti Kriminali kellha tapplika favur tiegħu il-mitigazzjoni fil-piena imfassla bl-emendi il-ġodda fl-artikolu 204C(3) tal-Kodiċi Kriminali[4], madanakollu tqies, bħal Qorti Kriminali qabilha, illi din id-disposizzjoni tal-liġi ma ssibx applikazzjoni għal dan il-każ. Dan għaliex għalkemm kien ippruvat illi l-atti sesswali li seħħew bejn l-appellant u A kienu konsenswali mingħajr ma seħħ ebda abbuż la fiżiku u lanqas morali fuq il-vittma mill-perpetratur, madanakollu ma jistax jitqies illi dawn seħħew bejn persuni li kienu qrib fl-eta' jew fil-livell tal-iżvilupp. Kif tajjeb stqarret il-Qorti Kriminali:

> **Illi jirrizulta mill-provi prodotti u mic-certifikati tat-twelid esebiti li fi zmien meta sehh ir-reat kontemplat fit-tielet Kap. tal-Akkuza u cioe' fil-bidu ta' Settembru 2017, Omissis kien ghad kellha skond ic-certifkat tat-twelid erbatax-il sena u skond l-akkuzat kellha hmistax-il sena. Filwaqt li l-akkuzat skond ic-certifikat tat-twelid tieghu, dakinhar kellu tlieta u ghoxrin sena. Illi ghalhekk kien hemm differenza ta' bejn tmienja u disa' snin fl-eta'. Jinghad ukoll kif del resto qal l-istess akkuzat li kien hemm differenza fil-manjiera u l-hsieb tant illi fl-istqarrija tieghu ex admissis '*Konna hbieb u jien dejjem ghidtilha, hi dejjem xtaqet nahseb li tizewwigni, tkun l-gharusa tieghi, imma jien qatt, one izghar minni, two mhux xi tifla almenu ghal issa zgur ghadha zghira minn mohhha.*' In oltre jirrizulta illi filwaqt li l-akkuzat kellu mpjieg fiss, il-vittma kienet ghadha l-iskola u ghalhekk dan l-istat ta' fatt ghandu jservi ta' riflessjoni fuq il-maturita' o meno taghhom.**

**22**. L-appellant għalkemm kien żbaljat b'sena fir-rigward tal-eta' tal-vittma, madanakollu kien jaf ben tajjeb meta huwa daħal f'relazzjoni sesswali magħha illi din kienet għadha minorenni u li għalhekk seta' jesponi ruħu għas-sanzjoni tal-liġi. Kien jaf li A kienet għadha tmur l-iskola, u allura dan il-fatt waħdu kien biżżejjed sabiex lilu tqiegħdu f'allert, iżda xortawaħda għażel li jaċċetta l-avvanzi sesswali tal-minuri bil-konsegwenza illi minħabba l-eta' immatura tagħha l-attrazzjoni li hija kellha lejh wasslet għal fissazzjoni jekk mhux ossessjoni tant illi imbagħad meta din bdiet

---

[4] Meta l-għemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuż fiżiku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ grad

iddejjqu ried jeħles minnha. L-appellant għalkemm kien jaf li din it-tifla kienet għadha f'dak il-perijodu taż-żmien meta kienet qed tesplora l-intimita' sesswali tagħha u għalhekk kienet aktar imħajjar tinvovli ruħha f'relazzjoni ma'ġuvni akbar minnha fl-eta', għażel il-gratifikazzjoni sesswali tiegħu meta kien evidenti li kien għadu iqies lil A bħalha tifla, "żgħira minn moħħha" u għalhekk ma kellu ebda intenzjoni jibni relazzjoni serja magħha. Il-Qorti għalhekk bħal Qorti Kriminali qabilha ċertament tqies illi l-mitigazzjoni fil-piena maħsuba fl-artikolu 204C(3) tal-Kodiċi Kriminali ċertament ma tistax issib applikazzjoni għal dan il-każ.

**23**. Lanqas ma tqies illi hemm ebda motiv li tista' iġġiegħlha titbieghed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti Kriminali meta din għażlet li titratta mal-appellant għar-reati li dwarhom kien misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħalha Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' April 2016, fejn huwa kien ikkundannat il-piena ta' tlett xhur priġunerija, liema terminu ta' priġunerija kien sospiż għal żmien tlett snin, biex b'hekk il-kummissjoni tar-reat li dwaru kien misjub ħati fil-presenti istanza u allura li seħħ f' Settembru 2017 kien kommess fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża. Illi sabiex il-Qorti tapplika id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali minflok dawk taħt is-sub-iniċiż (1) tal-imsemmija disposizzjoni tal-liġi, kif qed jitlob l-appellant, iridu jirriżultawlha ċirkostanzi li magħdudin mal-fatt tar-reat l-ieħor ma jkunx ġust illi din is-sentenza sospiża tinġieb fis-seħħ. Issa l-appellant f'dan l-aħħar aggravju minnu ntentat marbut mas-sejbien ta' ħtija għal dan ir-Raba' Kap ta'l-Att t'Akkuża ma jressaq ebda ċirkostanza speċjali li tista' tiġġustifika l-applikazzjoni tas-sub-inċiż (2) tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali favur tiegħu, għajr għal fatt illi jgħid illi l-aġir kriminali tiegħu kien konsegwenza tal-volontarjeta' tal-att minn naħa tal-vittma, element li għalkemm jiġġustifika mitigazzjoni fil-piena għar-reat lilu addebitat bl-artikolu 204C, madanakollu ma jwassalx sabiex huwa jibbenifika ulterjorment fir-rigward ta' sentenza ta' priġunerija oħra li ma għandha xejn x'taqsam mal-fattspeċje tal-każ. L-appellant kien ben konxju tal-fatt illi meta huwa għażel li jipparteċipa f'att sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' kellu sentenza ta' priġunerija sospiża fuq rasu u kwindi l-fatt illi dawn l-atti impudiċi u libidinużi kienu konsenswali ma jnaqqas xejn mis-sanzjoni tal-liġi li tirrendi operattiva tali sentenza

sospiża. Għaldaqstant għalkemm il-lanjanza minnu ventilata marbuta mal-*quantum* tal-piena erogata mill-Qorti Kriminali jistħoqqilha akkoljiment għal motivi hawn fuq miġjuba, madanakollu dan l-aggravju kif ukoll l-aggravju marbut mal-applikazzjoni tal-artiklu 204C(3) tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tiegħu qed jiġu miċħuda.

**24. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata, billi tvarjaha biss fir-rigward tal-piena nflitta fuq l-appellant u għalhekk minflok dik tal-priġunerija għal żmien sitt snin tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Tordna li isem il-minuri ma jixxandarx fuq il-mezzi tax-xandir u fil-gażżetti lokali u lanqas ma għandu jidher fil-kopji li jinħarġu ta' din is-sentenza.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**